**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 467/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Stacy Attard)**

**-vs-**

**MALCOLM DIMECH**
**(ID: 391673M)**

**Illum, 11 ta' Dicembru 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MALCOLM DIMECH** detentur tal-karta tal-identita` numru 391673M tressaq quddiemha akkuzat talli matul il-jum tat-13 ta' Settembru 2020 kemm gewwa l-fond 202, Triq il-Vittorja, Hamrun kif ukoll gewwa Triq Farsons, u anke talli nhar is-16 ta' Settembru 2020 ghall-habta tad-9:00hrs gewwa Triq Farsons u/jew f'dawn il-gzejjer :-

1. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lill-eks siehba tieghu Sharmaine Zarb;

2. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin lok u cirkostanzi msemmijin, bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-eks siehba tieghu Sharmiane Zarb biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-eks siehba tieghu Sharmiane Zarb b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta fastidju ghal din il-persuna;

5. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna segwiment tal-eks siehba tieghu Sharmaine Zarb bil-mohbi;

6. U aktar talli fl-istess dati, lok u hin u cirkostanzi msemmija fl-akkuzi ta' qabel din, bhala ufficjal pubbliku jew impjegat pubbliku sar hati ta' reati li kellu josserva biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi li jsiru.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta ta' Sharmaine Zarb jew ghaz-zamma tal-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skont l-Artikolu

412 C tal-Kapitolu 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Settembru 2020 meta tressaq quddiem il-Qorti u sar l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat ukoll l-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fis-17 ta' Settembru 2020 fil-konfront tal-imputat u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-protezzjoni ta' Sharmaine Zarb;

Rat illi waqt l-istess seduta tas-17 ta' Settembru 2020, gie ordnat divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2020 fejn talab illi tithassar l-ordni ta' divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat u rat ir-risposta tal-imputat ipprezentata fil-5 ta' Ottubru 2020;

Rat illi waqt is-seduta tal-15 ta' Ottubru 2020, Sharmaine Zarb giet ammessa bhala parti offiza fil-proceduri odjerni, u l-partijiet iddikjaraw li jaqblu li dan il-kaz ghandu jitqies u jigi trattat bhala wiehed ta' vjolenza domestika a tenur tal-Kapitolu 581 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda ta' Sharmaine Zarb waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2020, fejn hija registrat ukoll is-segwenti dikjarazzjoni quddiemha:-

"... *illi hija tixtieq twaqqaf il-proceduri kwantu dawn jirrigwardaw akkuzi ta' vjolenza domestika u dan stante illi l-partijiet irrizolvew id-differenza ta' bejniethom u ma ghad hemm l-ebda kuntatt bejniethom*."

Rat illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni, kif ukoll wara li semghet lil Sharmaine Zarb tixhed bil-gurament, hija ordnat it-twaqqif tal-proceduri odjerni fejn ghandhom x'jaqsmu ma' akkuzi li jinvolvu vjolenza domestika a tenur tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 u cioe` l-proceduri kwantu ghall-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi. Fl-istess waqt ordnat li l-proceduri jitkomplew biss fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat u l-aggravji addebitati.

Semghet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Rat illi waqt is-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020 id-difiza ddikjarat li ma ghandha l-ebda kontro-ezamijiet x'taghmel jew provi xi tressaq;

Semghet it-trattazzjoni finali waqt l-istess udjenza tal-1 ta' Dicembru 2020;

Rat illi l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza fuq it-tieni imputazzjoni u l-addebitu tar-recidiva u l-aggravanti taht l-Artikolu 141 tal-Kap. 9;

Ikkunsidrat;

L-unika imputazzjoni li tinsab taht l-iskrutinju tal-Qorti f'dawn il-proceduri wara l-waqfien tal-proceduri fir-rigward tal-akkuzi dwar vjolenza domestika, hija t-tieni imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat kontravvenzjonali taht l-

Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 u l-addebiti tar-recidiva u l-aggravju taht l-Artikolu 141 tal-Kap. 9, u dan wara illi l-proceduri twaqqfu fuq talba tal-allegata vittma.

Illi l-partijiet qablu li dan il-kaz huwa wiehed ta' vjolenza domestika. Il-Qorti rat id-definizzjoni ta' "*vjolenza domestika*" skont kif imfisser fil-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta u tosserva illi dan it-terminu jkopri kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' kull xorta ta' vjolenza li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak **l-att li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika**.

Ghall-fini tal-Kapitolu 581, "vittma" tfisser:-

*"... kwalunkwe **persuna fiżika** li hi soġġetta għal forom ta' vjolenza ... u l-membri tal-familja ta' kwalunkwe persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn tali vjolenza u li jkunu sofrew ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna kif ukoll minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza ...;"* [emfasi tal-Qorti]

Huwa manifest illi l-imputazzjoni in dizamina, cioe` t-tieni imputazzjoni, ma taddebitax reat li jinvolvi l-vjolenza domestika ghaliex ir-reita` tissussisti irrispettivament minn jekk kienx hemm vittma ta' dawn ir-reati fit-termini imfissrin mill-Kap. 581. Fil-fehma tal-Qorti, fil-kaz tar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(d) tal-Kap. 9 huwa vittma l-ordni pubbliku in generali u mhux Sharmaine Zarb jew persuna ohra fizika u ghaldaqstant, ma jirrizultax illi hemm "vittma" ghall-finijiet tal-Kap. 581.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, u rat ukoll l-istqarrija tal-imputat li giet esebita fl-atti u tosserva illi kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 338(d) tal-Kap. 9, huwa minnu li Sharmaine Zarb ma xehditx u ma kkonfermatx bil-gurament il-verzjoni li tat lill-Pulizija

dwar dak li sehh fit-13 ta' Settembru 2020 meta l-imputat allegatament beda jghajjat, jghajjarha u jheddidha gewwa Cheval Snack Bar u lanqas xehdet dwar dak li sehh fis-16 ta' Settembru 2020 fil-vicinanzi tal-istess stabbiliment meta allegatament, l-imputat rega' ghajjarha. Madanakollu, billi tressqu provi ohrajn mill-Prosekuzzjoni, in-nuqqas wahdu tax-xhieda tal-kwerelant, ma jfissirx li ma tistax tinstab htija ghal dan ir-reat li wara kollox, huwa wiehed li jolqot l-ordni pubbliku.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[1] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, **inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna** (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) **dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna** jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet: "**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.**" kien qal hekk :-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica, sia degli individui stessi fra*

[1] **Il-Pulizija vs. Noel Tanti**.

*loro, e* ***ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell' ordine pubblico****, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

*Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni* **McCall Smith u Sheldon** *li, fil-ktieb taghhom "***Scots Criminal Law***" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu:-*

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed."(p.192).*

*U dik il-Qorti ziedet tghid li :-*

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "***The Criminal Law of Scotland***" (Edinburgh, 1978):-*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the* ***circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance****." (p.986, para. 41-04)* [emfasi tal-Qorti]

Imbaghad fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

*"Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'.*

*But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to arm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been* ***an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'*** *(p.182)."*

Fir-rigward, l-imputat irrilaxxa stqarrija fis-16 ta' Settembru 2020, liema stqarrija giet esebita fl-atti (Dok. SA4)[2] u kif jirrizulta mill-imsemmija stqarrija, l-imputat cahad illi huwa huwa kien ghajjar lil Sharmaine Zarb u li kien heddidha li ser jaghtiha tliet tiri meta kienet gewwa l-istabbiliment Cheval Snack Bar. L-imputat stqarr hekk meta gie mistoqsi jghid ghaliex dahal fl-imsemmi stabbiliment: "*Biex nurih lil min kienn hemm wara l-bar li jiena naf li qieghda mieghu. Fil-fatt, hu kien hemm fil-hanut, naf li qieghda mieghu, certu Mark Bugeja*".

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda tal-imsemmi Mark Bugeja waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 u tqis illi x-xhud kien mhux biss evaziv izda wkoll ferm inkonsistenti. Tosserva illi l-verzjoni ta' dan ix-xhud fid-depozizzjoni tieghu tikkuntrasta wkoll b'mod manifest max-xhieda ta' PS487 Reuben Balzan li xehed[3] li Mark Bugeja qallu li kien sema' dak kollu li ntqal waqt l-incident li sehh bejn l-imputat u Sharmaine Zarb fil-hanut Cheval Snack Bar.

[2] Fol. 23 sa 25.
[3] Xhieda tal-15 ta' Ottubru 2020.

Quddiem il-Qorti, izda, ix-xhud Mark Bugeja qal li huwa kien mal-bieb ta' barra tal-istabbiliment Cheval Snack Bar meta l-imputat dahal bil-herra fil-hanut u qal ukoll li fil-hanut dak il-hin kien hemm biss Sharmaine Zarb flimkien ma' xi erba' nisa ohra u ma kien hemm hadd iktar fil-hanut. Xehed li ghalkemm sema' xi storbju gej minn gol-hanut, ma setax jisma' l-kliem li ntqal peress li huwa kien qieghed barra icempel dak il-hin. Madanakollu ix-xhud, wara li inizzjalment qal li ma semax storbju u ghajjat gej mill-hanut, iktar tard waqt id-depozizzjoni tieghu stqarr li effettivament huwa kien sema' xi storbju u ghajjat. Qal ukoll li ma setax jikkonferma b'certezza li ma kienx hemm ragel iehor fil-hanut dak il-hin u ma eskludiex li effettivament kienet xi persuna ohra u mhux l-imputat li kien instema' jghajjat. Ikkonferma wkoll li kienet Sharmaine Zarb li qaltlu sussegwentement, wara li l-imputat kien telaq minn fuq il-post, li huwa kien heddidha li ser jaghtiha "*tliet tiri*".

F'dan il-kwadru ta' fatti, il-Qorti ftit tista' taghti affidabbilita` jew piz lill-verzjoni ta' dan ix-xhud dwar dak li sehh fit-13 ta' Settembru 2020, **hlief ghall-fatt illi sehh incident gewwa l-hanut Cheval Snack Bar - li evidentement huwa post miftuh ghall-pubbliku - fejn kien hemm, fost persuni ohrajn, Sharmaine Zarb u l-imputat, u minn barra nstema' storbju u ghajjat**. F'kull kaz, anke jekk, ghal mument, il-Qorti kellha tkun konvinta li kien l-imputat li kien qed jghajjat gol-hanut, ma ngiebu l-ebda provi li juru li dan l-episodju jew l-ghajjat u storbju li qed jigu addebitati lill-imputat, **nisslu jew setghu jnisslu certu grad ta' inkwiet jew thassib f'mohh Sharmaine Zarb jew f'mohh l-uniku xhud iehor li xehed quddiem il-Qorti, dwar l-inkolumita' fizika taghhom jew dwar l-inkolumita' tal-proprjeta` taghhom b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil**.

Minkejja li, kif rajna mill-gurisprudenza fuq citata, m'huwiex rikjest sabiex tigi ravvizata htija ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tingieb prova illi

l-agir tal-imputat ikun **attwalment** nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` taghha, ghaliex il-fatt illi dak l-agir huwa fih innifsu kapaci inissel dan it-thassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-thassib, huwa sufficjenti sabiex tigi stabbilita reita`, fil-kaz in dizamina x-xhieda ta' Mark Bugeja u tal-ufficjal tal-Pulizija li rcieva r-rapport ta' Sharmaine Zarb m'hijiex, fil-fehma tal-Qorti, bizzejjed sabiex jigi ppruvat l-element materjali tal-allarm jew thassib, liema element huwa rikjest *sine qua non* sabiex tinsab htija ghal dan ir-reat. Ix-xhieda fuq kliem haddiehor zgur mhijiex ammissibbli bhala prova ta' dak li l-imputat qal lil Sharmaine Zarb jew ta' kif hassitha l-istess persuna b'rizultat ta' dak l-agir fil-konfront taghha.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 li gie addebitat fit-tieni imputazzjoni, ma giex ippruvat sodisfacjentement u konsegwentement ma tistax tinstab htija fl-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz talbet lill-Qorti sabiex f'kaz ta' htija, tqis lill-imputat bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9, izda kif appena stabbilit, mhux qed tinstab htija ghall-unika imputazzjoni mertu ta' dawn il-proceduri.

F'kull kaz izda, il-Qorti ma tistax tosserva li hija gurisprudenza pacifika[4] illi jekk ma tigix esebita jew prodotta fl-atti kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza jew fil-fedina penali, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament l-imputat kienx precedentement ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati. Ghalkemm fil-kaz in dizamina giet esebita fl-atti

[4] **Il-Pulizija vs Jason James Agius,** Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 5 ta' Novembru 2001.

l-fedina penali tal-imputat, huwa risaput[5] li din m'hijiex bizzejjed ghall-prova tal-imputazzjoni tar-recidiva. Ghall-bqija, ma giet esebita l-ebda sentenza minn fost dawk imsemmijin fil-fedina penali li permezz taghhom l-imputat nstab hati li wettaq reati kriminali u ghaldaqstant il-Qorti, anke f'kaz ta' sejbien ta' htija ghat-tieni imputazzjoni, ma setghet qatt issib htija fl-imputat ghall-addebitu tar-recidiva.

Ikkunsidrat;

Illi galadarba l-imputat m'huwiex qed jinsab hati tal-uniku reat li baqa' mixli bih wara l-waqfien tal-proceduri ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9, il-kwistjoni dwar jekk huwiex ufficjal pubbliku o meno ghall-fini tal-aggravanti fil-piena taht l-Artikolu 141 tal-Kodici Kriminali, ukoll ma ghadhiex relevanti.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi fir-rigward tar-rikors tal-Avukat Generali tat-22 ta' Settembru 2020 ghat-thassir tal-ordni moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta ghad-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat, din il-Qorti, in vista tal-fatt illi l-imputat m'huwiex qed jinsab hati ta' ebda wahda mir-reati li gie mixli bihom f'dawn il-proceduri, anke minhabba l-ordni ta' waqfien tal-proceduri taht l-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9, tqis illi din l-ordni ma ghadhiex iktar mehtiega. F'kull kaz, kif sewwa osserva l-Avukat Generali, ma jirrizultax mill-atti li nghatat xi raguni, wisq inqas wahda valida, ghal dan id-divjet li, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jigi ordnat u impost biss f'kazijiet fejn **tigi riskontrata b'mod konkret il-htiega ta' protezzjoni tal-imputat jew tal-allegat vittma tar-reat minhabba xi pregudizzju jew potenzjal ta' pregudizzju li l-pubblicita` ta' isem l-imputat tista' tikkaguna ghalihom jew min minnhom**.

[5] **Il-Pulizija vs Joseph Zahra**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 2003.

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet wara li l-proceduri dwarhom gew imwaqqfin b'ordni moghtija fil-15 ta' Ottubru 2020 ai termini tal-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9, ma ssibx lil MALCOLM DIMECH hati tat-tieni imputazzjoni u tal-addebiti tar-recidiva u l-aggravanti taht l-Artikolu 141 tal-istess Kapitolu 9, u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena relattiva.**

**Tilqa' t-talba tal-Avukat Generali fir-rikors tieghu tat-22 ta' Settembru 2020 u thassar l-ordni ghad-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat kif moghtija fis-17 ta' Settembru 2020.**

**Tordna wkoll ir-revoka tal-Ordni ta' Protezzjoni mahruga fis-17 ta' Settembru 2020 fil-konfront ta' MALCOLM DIMECH.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**